DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-listi ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u l-unitajiet veterinarji fi Traces minħabba l-Adeżjoni tal-Kroazja

(notifikata bid-dokument C(2013) 3474)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/290/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 dwar it-tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi Traces [1], tistabbilixxi fl-Anness I tagħha l-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati skont id-Direttivi tal-Kunsill 91/496/KEE [2] u 97/78/KE [3], u fl-Anness II tagħha l-lista ta' unitajiet ċentrali, unitajiet reġjonali u unitajiet lokali fis-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (Traces).

(2) Id-Deċiżjoni 2009/821/KE, adottata mill-Kummissjoni, tibqa' valida wara l-1 ta' Lulju 2013 u għalhekk teħtieġ li tiġi adattata għall-adeżjoni tal-Kroazja. L-adattamenti meħtieġa mhumiex stipulati fl-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja [4] u għalhekk jeħtieġu li jiġu adottati qabel l-adeżjoni ma' din id-Deċiżjoni sabiex ikunu applikabbli mid-data tal-adeżjoni.

(3) Il-proċess ta' tkabbir se jirriżulta f'modifikazzjoni sinifikanti tal-fruntiera fuq l-art tal-Unjoni l-ġdida ma' pajjiżi terzi ġirien, bl-estensjoni tal-fruntiera kostali sabiex tinkludi aktar kosta tal-baħar Mediterran, u biż-żieda ta' ajruport internazzjonali.

(4) Il-lokazzjonijiet proposti mressqa bħala postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera ma' pajjiżi terzi fil-Kroazja kienu s-suġġett ta' verifiki permezz tas-servizz ta' verifika tal-Kummissjoni (li qabel kien magħruf bħala s-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni), l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO). Huwa meqjus li dawn il-lokazzjonijiet se jitlestew skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni sal-adeżjoni. Għalhekk il-lokazzjonijiet proposti fil-Kroazja għandhom jiżdiedu mal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera approvati fl-Istati Membri stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(5) Fl-istess ħin bħala riżultat tal-adeżjoni tal-Kroazja, ċerti Stati Membri, partikolarment l-Ungerija u s-Slovenja mhux se jibqa' jkollhom fruntieri ma' pajjiżi terzi. Riżultat ta' dan ċerti postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera fuq l-art f'dawn l-Istati Membri se jsiru mingħajr użu. Għalhekk il-lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera f'dawn iż-żewġ Stati Membri stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Barra minn hekk, il-proċess ta' tkabbir se jirriżulta f'żieda ta' unitajiet veterinarji lokali fil-Kroazja għall-użu ta' Traces. Għalhekk dawn l-unitajiet veterinarji lokali għandhom jiżdiedu mal-lista ta' unitajiet lokali tal-Istati Membri fi Traces, stipulata fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni (KE) Nru 2009/821/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.
[2] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[3] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[4] ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

Artikolu 2

L-emendi stipulati f'dan l-Anness għandhom jidħlu fis-seħħ soġġetti għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Kroazja fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat innifsu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-parti wara Franza, għandha tiġi miżjuda din il-parti għall-Kroazja:

"**Страна:** ХЪРВАТИЯ — **Země:** CHORVATSKO — **Land:** KROATIEN — **Land:** KROATIEN — **Riik:** HORVAATIA — **Χώρα:** ΚΡΟΑΤΙΑ — **Country:** CROATIA — **País:** CROACIA — **Pays:** CROATIE — **Zemlja:** HRVATSKA — **Paese:** CROAZIA — **Valsts:** HORVĀTIJA — **Šalis:** KROATIJA — **Ország:** HORVÁTORSZÁG — **Pajjiż:** KROAZJA — **Land:** KROATIË — **Kraj:** CHORWACJA — **País:** CROÁCIA — **Țara:** CROAȚIA — **Krajina:** CHORVÁTSKO — **Država:** HRVAŠKA — **Maa:** KROATIA — **Land:** KROATIEN

Bajakovo	HR VUK 3	R		HC (2), NHC(2)	
Karasovići	HR KRS 3	R		HC (2), NHC(2)	
Nova Sela	HR MET 3	R		HC(2), NHC(2)	E, O
Ploče	HR PLE 1	P		HC, NHC	
Rijeka	HR RJK 1	P		HC, NHC	
Stara Gradiška	HR SGS 3	R		HC, NHC	U, E, O
Zagreb	HR ZAG 4	A		HC (2), NHC(2)	O"

(b) Fil-parti li tikkonċerna l-Ungerija, jitħassru l-annotazzjonijiet għall-ferrovija f'Gyékényes u għat-triq f'Letenye.

(c) Fil-parti li tikkonċerna s-Slovenja, jitħassru l-annotazzjonijiet għall-ferrovija f'Dobova u għat-toroq f'Gruškovje, Jelšane u Obrežje.

(2) Fl-Anness II fil-parti wara Franza, għandha tiżdied din il-parti għall-Kroazja:

"**Страна:** ХЪРВАТИЯ — **Šalis:** KROATIJA — **Země:** CHORVATSKO — **Ország:** HORVÁTORSZÁG — **Land:** KROATIË — **Pajjiż:** KROAZJA — **Land:** KROATIEN — **Land:** KROATIEN — **Riik:** HORVAATIA — **Kraj:** CHORWACJA — **Χώρα:** ΚΡΟΑΤΙΑ — **País:** CROACIA — **Country:** CROATIA — **Țara:** CROAȚIA — **País:** CROÁCIA — **Krajina:** CHORVÁTSKO — **Pays:** CROATIE — **Zemlja:** HRVATSKA — **Država:** HRVAŠKA — **Paese:** CROAZIA — **Maa:** KROATIA — **Valsts:** HORVĀTIJA — **Land:** KROATIEN

ЛОКАЛНА ЕДИНИЦА - VIETINIAI VIENETAI - MÍSTNÍ JEDNOTKA - HELYI EGYSÉGEK - LOKALE ENHEDER - UNITA' LOKALI - ÖRTLICHE EINHEITEN - LOKALE EENHEDEN - KOHALIK ASUTUS - JEDNOSTKA LOKALNA - ΤΟΠΙΚΕΣ ΜΟΝΑΔΕΣ - UNIDADES LOCAIS - LOCAL UNITS - UNITĂȚI LOCALE - UNIDADES LOCALES - MIESTNA JEDNOTKA - UNITÉS LOCALES - LOKALNE JEDINICE - OBMOČNA ENOTA - UNITÀ LOCALI - PAIKALLISET YKSIKÖT - LOKĀLĀ VIENĪBA - LOKALA ENHETER

HR00001 BJELOVAR
HR00007 GRAD ZAGREB
HR00002 OSIJEK
HR00003 RIJEKA
HR00009 ŠIBENIK
HR00008 SLAVONSKI BROD
HR00004 SPLIT
HR00005 VARAžDIN
HR00006 ZAGREB"